MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2003

Citazzjoni Numru. 2146/2000/1

**Jan Griscti**

**vs**

**Daria Griscti**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti ccelebraw zwieg bejniethom fl-20 ta' Settembru 1987 fil-Knisja ta' Stella Maris, il-Gzira, kif jirrizulta mic-Certifikat taz-Zwieg relattiv li kopja tieghu hi hawn annessa u esebita u mmarkata bhala Dok. "A";

Illi l-kunsens ta’ l-attur kien eskluz minhabba zball fuq l-identita’ tal-konvenuta;

Illi l-kunsens tal-partijiet kien ukoll ivvizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b’anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi, ulterjorment il-kunsens ta’ l-attur inghata b’eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

Illi ghalhekk iz-zwieg celebrat bejn il-kontendenti huwa null u bla effett fil-Ligi ghall-fini tad-dispozizzjonijiet ta’ l-**artikolu 19 ta’ l-Att Dwar Iz-Zwieg ta’ l-1975;**

Illi l-istess attur talab lil din l-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara z-zwieg celebrat bejn il-partijiet nhar l-20 ta’ Settembru 1987, null u bla effett fil-Ligi, ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-ispejjez.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 tal-process;

Rat in-nota tal-attur datata 26 li permezz tieghu esebixxa c-certifikat taz-zwieg tal-partijiet.

Rat ir-rikors tal-attur tal-10 t’April 2001 u d-digriet tal-24 ta’ Mejju 2001.

Rat il-verbal tal-14 ta’ Gunju 2001 fejn il-Qorti nnominat lil Dr. Audrey Demicoli bhala Perit Legali biex tigbor il-provi u tirrelata.

Rat in-nota tal-attur tal-5 t'Ottubru 2001 li permezz taghha esebixxa l-affidavit tieghu stess.

Rat il-verbal tal-20 ta' Novembru 2001.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta tal-1 ta' Marzu 2002 a fol. 27 fejn gie eccepit:-

1. Illi ghalkemm l-eccipjenti taqbel li z-zwieg bejn il-kontendenti ghandu jigi dikjarat null ukoll, dan ghandu jigi kunsidrat null tort ta' l-istess attur.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuta a fol. 27 u 28 tal-process.

Rat il-verbal tal-15 t'April 2002 fejn il-kawza giet differita biex tkompli tinstema' minn din il-Qorti kif prezentament presjeduta mill-Onor. Imhallef Raymond C. Pace.

Rat in-nota tal-attur datata 8 t'Awissu 2002.

Rat il-verbal tas-seduti tas-16 t'Ottubru 2002 fejn il-Perit Legali Dr. Audrey Demicoli rrimettiet il-process lura lill-Qorti peress li pprezentat ir-rapport dakinhar stess; u tat-28 ta' Novembru 2002 fejn il-Perit Legali kkonfermat ir-rapport taghha bil-gurament. Id-difensuri rrimettew ruhhom ghar-rapport u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-26 ta' Gunju 2003.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali, is-seduti minnha mizmuma, id-dokumenti hemm esebiti u x-xhieda hemm moghtija.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (i) PROVI PRODOTTI.

Illi **l-attur** xehed b'mod estensiv kemm bil-procedura tal-affidavit, kif ukoll *viva voce*. Huwa ddeskriva t-trobbija tormentata li kellu fejn sa mill-eta' ta' (12) tnax-il sena kien jghix f'ambjent familjari fejn il-ġenituri tieghu kienu kontinwament jiggieldu – *"kienu jiggieldu fuq kollox u fuq xejn, qatt ma kien jirnexxilhom isolvu argument, anzi kuljum ikomplu l-argument li hallew il-gurnata ta' qabel".*

Illi l-attur jiddeskrivi lil ommu bhala bniedma b'sahhitha hafna fis-sens li kienet tipprova tipprotegi lil uliedha mill-konsegwenzi tal-ambjent familjari li kienu jghixu fih billi tghidilhom li dan il-glied kontinwu kien komuni bejn il-mizzewgin, u jghid li missieru kien bniedem distanti li qatt ma juri sinjal ta' affezzjoni jew imhabba.

Illi l-attur jispjega wkoll li meta kellu (16) sittax-il sena huwa beda johrog mal-hbieb u jersaq mill-inqas lejn id-dar, li huwa jiddeskrivi bhala nfern, u kien kemm jista' jkun jipprova jiekol ghand il-hbieb sabiex ma jirritornax id-dar. F'dan l-istadju huwa nduna li l-ambjent familjari li kienu jghixu fih shabu ma kienx l-istess bhal dak li kien jghix fih hu, fejn ommu u missieru lanqas kienu kapaci joqoghdu bil-qeghda flimkien madwar mejda u jitkellmu bil-kwiet.

Illi l-attur jispjega li huwa ltaqa' mal-konvenuta meta kellu (18) tmintax-il sena u li biss wara ftit gimghat din introducietu mal-genituri taghha. Huwa jiddeskrivihom bhala nies sew hafna u jghid li wara ftit li beda jidhol ghandhom, il-genituri tal-konvenuta kienu jghidulu biex jiekol ghandhom, u wara ftit din saret drawwa. Huwa kien ha gost hafna b'din is-sitwazzjoni ghaliex b'hekk kien jevita milli jirritorna d-dar. Fil-frattemp il-genituri tieghu ddecidew li jisseparaw u huwa ha r-ruh – *"Nghid il-verita', meta qaluli li ser jisseparaw, hadt ir-ruh. Ma ddejjaqtx li l-familja tieghi kienet ser titfarrak, ghax imfarrka kienet ilha. Hekk jew hekk, jien kont qisni sibt familja ohra fil-familja ta' Daria".*

Illi l-attur kompla jispjega li mal-familja tal-konvenuta huwa ma kien jonqsu xejn u aktar ma beda jghaddi z-zmien aktar beda jqis lil missier il-konvenuta bhala missieru. Fil-fatt kien ihobbu aktar milli kien ihobb lil missieru, u missier

il-konvenuta kien iqisu bhala l-iben li qatt ma kellu u kien jippreferih mill-irgiel ta' hut il-konvenuta. Wara ftit tax-xhur li kien ilu johrog mal-konvenuta, l-attur beda jorqod id-dar taghha fuq bazi regolari sakemm prattikament beda jghix hemm.

Illi sa minn sentejn u nofs qabel ma zzewweg lill-konvenuta, l-attur kien jghix fid-dar tal-genturi taghha u huwa jispjega li l-familja taghha kienu kwazi addottawh. Huwa jghid li minhabba dan il-fatt l-gherusija tieghu mal-konvenuta ma kienetx wahda normali *"ghaliex ghalija r-relazzjoni kienet mal-familja ta' Daria kollha kemm hi, aktar milli ma' Daria. Lil familja ta' Daria kont inhobbha ghax kienet il-familja tajba li jien qatt ma kelli. Lil Daria ma nafx kemm kont inhobbha, ghaliex malli zzewwigna u gejna jien u hi biss, ghal rasna, mill-ewwel ma bqajniex sew u beda l-inkwiet."*

Illi l-attur jghid li tul l-gherusija tant kien hemm *interaction* bejnu, bejn il-konvenuta u bejn il-genituri taghha li kienu diga' qishom mizzewgin. Huwa jghid li kien ihossu hafna aktar komdu fil-prezenza tal-genituri tal-konvenuta milli wahdu mal-istess konvenuta. Huwa jghid li beda jistaqsi lilu nnifsu jekk kienx ihobb lill-konvenuta bhala ohtu jew bhala l-mara tieghu. L-attur jghid li l-ambjent familjari tal-konvenuta tant kien joghgbu li ma xtaqx jitlef il-hajja tieghu f'dan l-ambjent, u dan akkost ta' kollox. Huwa jispjega li meta zzewgu u marru jghixu wehidhom huwa hass hafna n-nuqqas tal-genituri tal-konvenuta fis-sens li nduna li kellu jassumi certu responsabbilitajiet hu.

Illi wara erba' (4) snin li kienu ilhom johorgu flimkien il-partijiet ddecidew li jizzewgu peress li tant kien ilhom flimkien li kienet haga ovvja*, "kif jaghmel kulhadd konna ser naghmlu ahna"* jghid il-konvenut. Madwar sitt xhur qabel ma zzewgu l-konvenuta kienet qalet lill-attur li ma rieditx ikollha t-tfal ghaliex kienet tibza' mill-hlas. Huwa kien qalilha li dan ma kienx accettabbli ghalih, u hija ghalhekk kien rega' bdielha u tkomplew il-pjanijiet ghat-tieg.

Illi l-partijiet izzewgu meta t-tnejn kellhom tnejn u ghoxrin (22) sena u l-attur jghid li mmedjatament malli huma marru jghixu wehidhom bdew il-problemi. Ghalkemm kienu jahdmu flimkien u ghalhekk kienu jqattghu hafna hin flimkien, huma kienu qishom zewg barranin jghixu fl-istess dar jghid l-attur. Qatt ma kienu jsibu x'jghidu lil xulxin u hlief ghax-xoghol ma kellhom xejn in komuni. *"Hajjitna kienet saret ix-xoghol biss - kulhadd ghal rasu"* jghid l-attur. Dan tal-ahhar jghid ukoll li malli zzewgu l-konvenuta nbidlet u jispjega li malli beda jghix maghha biss minflok mal-familja kollha taghha, beda jinduna bil-verita'.

Illi dejjem skond l-attur, il-konvenuta kienet tipprova tiddominah u taqtaghlu l-kuntatt minn mal-familjari tieghu u ma' shabu kif ukoll mill-*hobbies* tieghu bhat-*tennis* u *scuba diving*. Peress li huwa kien jobghod il-konfront u l-glied minhabba dak li kien ghadda minnu meta kien izghar, huwa kien icedi ghal kollox. L-attur jispjega li l-indhil zejjed fil-hajja socjali tieghu kien igeghlu jhossu *claustrophobic* ghaliex kien ihoss li dak li kien qed jaghmel kien normali.

Illi l-attur jiddeskrivi r-relazzjoni tieghu mal-konvenuta mmedjatament wara z-zwieg bhala tant hazina li beda jipparagunaha mar-relazzjoni ta' ommu u missieru. L-attur jghid li l-konvenuta qatghatlu l-passatempi kollha u qataghtu minn shabu tant li hass li ma kellu xejn aktar f'hajtu izda huwa jsostni li madanakollu l-konvenuta xorta kienet thobb lil kelb li kellhom aktar milli kienet thobb lilu.

Illi l-attur jghid li huwa kien jahseb li dawn il-problemi kienu dovuti ghall-fatt li ma kellhomx tfal. Huma fil-fatt damu ma jkollhom tfal ghaliex il-konvenuta kellha problema ta' sahha konsistenti f'*collapsed lung*. Wara sitt snin twieldet it-tifla Yara. L-attur jghid li meta harget tqila l-konvenuta kienet anzjuza hafna biex tkun taf is-sess tat-tarbija li kienet se titwieled, izda malli saret taf li t-tarbija effettivament kient tifla hija kkalmat. Wara hafna zmien l-attur jghid li huwa skopra li l-konvenuta kienet tibza' li jkollha t-tfal ghaliex iz-zewg neputijiet subien taghha ma kienux normali. Il-familjari tal-konvenuta kienu qalulu li dawn ma kienux normali minhabba t-titqiba tal-*four in one*

izda wara sar jaf li l-marda li kellhom it-tfal ta' hut il-konvenuta kienet tigi trasmessa fil-maskji biss u jghid *"jiddispjacini ferm li Daria ma qaltlix il-verita' dwar ir-riskju li kellna qabel ma zzewwigna. Jiena minn dejjem ridt li jkolli familja, u kieku kont naf qabel izzewwigna li kien hemm riskju bhal dak, ma nahsibx li kont nizzewweg".*

Illi dejjem skond l-attur, malli twieldet it-tifla, l-affarijiet bejnu u l-konvenuta ma trangawx. Il-glied kompla jizdied sakemm sa fl-ahhar it-tnejn hadu d-decizjoni li jisseparaw. L-attur jispjega li huwa ha din id-decizjoni anke ghaliex ma xtaqx lil bintu tghaddi mill-istess trawma li kien ghadda hu fis-sens li huwa nduna li kien ikun ahjar ghalih u ghal huh kieku ommu u missieru qabdu u sseparaw mill-ewwel milli komplew jghixu flimkien f'ambjent ta' glied kontinwu.

Illi skond l-attur ir-relazzjonijiet sesswali bejnu u bejn il-konvenuta qabel iz-zwieg kienu kwazi inezistenti u dan *nonostante* l-fatt li kienu jorqdu flimkien f'kamra wahda. Wara z-zwieg is-sitwazzjoni ma tantx inbidlet u l-fatt *"li kien ikollna l-kelba torqod fis-sodda maghna ma tantx kienet tghin is-sitwazzjoni".*

Illi l-attur jikkonkludi l-affidavit tieghu billi jispjega li llum li ghadda z-zmien induna li meta ltaqa' mal-konvenuta huwa sar ihobb lill-familja taghha u mhux lilha. *"Ghax tant ma kontx naf x'inhi familja sew li fihom sibt id-dinja …… Illum jiena cert li, li kieku ma kellix il-problemi li kelli fil-familja tieghi, jiena kien ikolli cans sabiex verament insir naf lil Daria qabel ma nizzewwigha, u kont inkun naf li bejnietna ma kienx hemm imhabba, u ma konna naqblu f'xejn. Zgur li ma konniex nizzewgu kieku".*

Illi l-**konvenuta** xehdet li hija u l-attur damu gharajjes erba' snin u nofs qabel ma zzewgu u qalet li kienet a konoxxenza tal-fatt li l-attur kellu problemi familjari u, minhabba dan il-fatt, kien iqatta' hafna zmien id-dar tal-genituri taghha li kienu jitrattawh qisu binhom. Hija tghid ukoll li *"huwa kien ihobbhom daqs missieru u ommu ghaliex ma kienx jaf xi jfisser ambjent familjari. Jien u l-attur konna qisna zewgt ahwa".*

Illi l-konvenuta tikkonferma li l-attur kien prattikament jghix fid-dar taghha, kien jorqod fil-kamra taghha f'sodda separata. Din ix-xhud tispjega li wara li ghadda certu zmien hija ndunat li l-attur kien izzewwigha aktar minhabba l-fatt li sab familja li thobbu milli ghaliex effettivament xtaq jizzewweg. *"Qed nghid hekk ghaliex meta zzewwigna l-attur kien jimmissja b'mod esagerat l-ambjent familjari tieghi. Ahna ma qbilna xejn fil-hajja mizzewga u l-problemi bdew mill-ewwel, u cjoe' fl-ewwel sitt xhur taz-zwieg".*

Illi l-konvenuta tghid li hadd minnhom *"ma ha d-decizjoni li nizzewgu. Qisu kollox kien jindika li ahna kellna nizzewgu fis-sens li donnu dan kien process naturali".* Il-konvenuta tghid li hija dejjem xtaqet tizzewweg u jkollha familja u li d-decizjoni taghha kienet wahda bbazata fuq ragunament serju. Kienet dejjem hi li kienet issemmi affarijiet rigwardanti d-dar u affarijiet ohra konnessi maz-zwieg, izda l-attur kien dejjem jaqbel maghha.

Illi l-konvenuta tispjega li qabel iz-zwieg hija kienet thobbu hafna lill-attur u kienet turih li thobbu filwaqt li huwa kien isibha ferm aktar difficli li jaghmel xi dimostrazzjoni ta' affett lejha u hija kienet tattribwixxi dan il-fatt ghal problemi familjari tieghu. Dejjem skond il-konvenuta, l-attur ma kienx jitkellem dwar dawn il-problemi familjari u dwar il-konsegwenzi li kellhom fuqu, izda kien izomm kollox mistur. Hija tghid ukoll li hija u l-attur tant kienu qishom ahwa li kienu anke jiggieldu bhal ahwa.

Illi hija tiddefinixxi l-hajja sesswali, kemm qabel iz-zwieg kif ukoll wara, bhala kwazi inezistenti. *"L-attur ma tantx kien juri nteress fija f'dan is-sens. Din il-haga kienet iddejjqni hafna. Jien u l-attur qatt ma konna nidhlu norqdu flimkien u apparti x-xoghol ma tantx konna nqattghu hafna hin flimkien".* Dejjem skond il-konvenuta, l-attur kien jippreferi jqatta' l-hin mal-hbieb u jipprattika l-isport – *"id-diving kien jigi l-ewwel u qabel kollox. Kien iqatta' granet shah jipprattika dan l-isport".*

Illi l-konvenuta kkonfermat li t-tfal subien ta' hutha kellhom problemi medici izda qalet li ma tafx jekk dawn kienux

kawzati mill-*injection four in one*, jew inkella originawx mit-twelid. F'dan ir-rigward hija qalet li l-attur kien a konoxxenza ta' kollox *stante* li kien jghix id-dar tal-genturi taghha meta nqalghu dawn il-problemi. Hija tghid ukoll li wara z-zwieg huma kienu ddiskutew din il-problema u li, peress li t-tfal ta' hutha kienu subien, hija ppreferiet li jkollha tifla.

Illi **Maria Azzopardi**, omm il-konvenuta, kkonfermat li tul l-erba' snin u nofs tal-gherusija, l-attur kien jghix id-dar taghhom qisu wiehed mill-familja – *"huwa kien qisu t-tifel taghna"* tghid din ix-xhud. Hija kienet a konoxxenza tal-fatt li s-sitwazzjoni familjari tal-attur kienet wahda verament infelici u tispjega li huwa kien qalilha li *"l-atmosfera kienet wahda tal-infern tant li wrieni li hass hafna n-nuqqas tal-affezzjoni min-naha tal-familja tieghu u qisu l-familja tieghi serviet bhala sostitut ghal dan in-nuqqas. Jien meta rajt hekk hassejt li ma kellix incahhdu minn din ix-xewqa tieghu u Jan irrisponda b'idejh miftuhin la sab l-okkazjoni".*

Illi din ix-xhud tispjega li l-partijiet ma kienux qishom namrati izda aktar qishom ahwa - *"konna qisna familja wahda"* - u tghid li ma kienetx tara lill-attur juri sinjali ta' affezzjoni lejn bintha, bhal per ezempju jghannaqha jew ibusha. Il-partijiet ma tantx kienu johorgu wehidhom u l-konvenuta kienet tiftah qalbha maghha dwar dan il-fatt. Din is-sitwazzjoni hraxet aktar wara z-zwieg. Dejjem skond din ix-xhud, l-unika darba li l-attur wera sens ta' ferh kien meta twieldet Yara, it-tifla tal-partijiet.

Illi omm il-konvenuta tghid ukoll li hija kienet tosserva li l-konvenut ma kellux dik il-maturita' mehtiega ghal persuna li qed tahseb ghall-futur, u tghid li l-aktar haga li kienet iddejjaqha kienet in-nuqqas ta' responsabbilta' li kellu. Hija tghid li l-attur ma kienx matur ghaliex huwa kien dejjem mohhu biex jitfissed maghha u ma' zewgha. Skond Maria Azzopardi l-attur kien ostinat u jaghmel li jrid, fis-sens li kien jaqbad u johrog wahdu jekk ifettillu hekk, u dan minghajr ma jahsibha darbtejn.

Illi dan l-aktar li kien jigri kien wara z-zwieg meta l-attur wera li kien aktar mohhu fid-divertiment u l-isport milli fiz-

zwieg u fil-hanut li huwa kien imexxi flimkien mal-konvenuta. Din ix-xhud tghid li l-atur kien ihossu hafna aktar komdu f'darha milli fid-dar li kien jghix fiha ma' bintha wara li zzewgu. Meta twieldet it-tarbija *"jiena hassejt li Jan kie qed jiddejjaq ghaliex ma baqax ic-centru tal-attenzjoni taghna fis-sens li ahna konna nikkoncentraw l-attenzjoni taghna fit-tarbija"*. *Inoltre* l-attur ma hax ir-responsabbilta' tat-tifla ghaliex donnu ma riedx jaccetta din it-tip ta' responsabbilta'. Din ix-xhud taghmel referenza ghal incident li sehh wara li l-partijiet kienu sseparaw fejn hija kienet qalet lill-attur li huwa issa sar *outsider* fil-konfronti taghom u huwa kien iddispjacih hafna ghaliex kien iqis lilu nnifsu bhala binha. Din ix-xhud tikkonkludi billi tghid li llum ikollha tammetti li ghandha dubji serji jekk ir-relazzjoni tal-partijiet kienetx wahda bbazata fuq imhabba jew inkella biss fuq hbiberija.

**(ii) PRINCIPJI LEGALI.**

Illi mill-premessi tac-citazzjoni fil-kawza odjerna jirrizulta li l-attur qieghed jinvoka s-**sub-incizi (c), (d) u (f) tal-Artikolu 19(1) tal-Kap. 255** sabiex iz-zwieg tieghu mal-konvenuta jigi dikjarat null u bla effett.

Illi din il-Qorti bhal Perit Legali ezaminat bir-reqqa l-provi kollha prodotti mill-partijiet u jidhrilha li hija ghandha tikkoncentra fuq dak li jipprovdi s-**sub-inciz (d) tal-Artikolu 19 (1) tal-Kap. 255**, u cjoe' meta l-kunsens tal-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali tagha, jew b'anomalija psikologika serja li ghamlitha mpossibbli ghal kontendenti li jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi biex ikun hemm dan id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju jrid ikun hemm l-inkapacita' psikika, li mhux necessarjament timplika anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku jew kostituzzjonali, li wiehed jaghraf u jirrifletti u jiddeciedi liberament fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali. Kif fissret din l-Onorabbli Qorti f'diversi sentenzi (**"Isabelle Attard vs Stephen Attard"**, P.A. 21 ta' Novembru 1995), **"Samuela Lea Pavia vs John**

**Pavia"**, P.A. 20 ta' Mejju 1996), **"Sandro Sciberras vs Janet Briffa gja' Sciberras"**, P*.A.* 16 ta' Jannar 1998*)* dan id-difett ta' kunsens kif ravvizat fil-ligi taghna m'ghandux jigi ekwiparat ma' semplici nkompatibbilta' ta' karattru, jew ma decizjoni zbaljata. F'dan ir-rigward huwa ferm rilevanti dak li osservat il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **"Janet Portelli vs Victor Portelli"** (P.A. 14 ta' Awissu 1995) fejn intqal hekk:-

*"It seems that discretion of judgement or maturity of judgement can be lacking, if anyone of the following three conditions or hypothesises is verified; (1) when sufficient intellectual knowledge of the object of consent to be given in entering marriage is lacking; (2) when the contracting party has not reached a sufficient amount of reflection that is proprtionate to the conjugal affair, that is a critical reflection apt for the nuptial; (3) or finally when either party contracting marriage is deprived of internal freedom, that is, that capacity to deliberate with sufficient weighing of the motives and, on the part of the will, freedom (autonomia) from all force from within".*

Illi kif jispjega l-gurista ***Bersini***:-

*"la discrezione di giudizio consta di due elementi distinti ma concorrenti e indipendenti: la piena avvertenza e il deliberato consenso. Solo quando l'individuo e' capace della piena comprensione morale e giuridica dell'atto che compie e della perfetta liberta' di elezione e deliberazione nel volerlo e attuarlo si puo' dire che egli l'abbia posto con la piena avvertenza e il deliberato consenso, cjoe' nel possesso della sufficiente discrezione di giudizio". (**Bersini**,* **F., Il Diritto Canonico Matrimoniale, Elle Di Ci (Torino)***, 1994, p 97).*

Illi huwa proprju f'dak li jirrigwarda l-kapacita' tal-attur li jiddeciedi liberament, cjoe' li jkollu l-kapacita' volittiva shiha rikjesta ghall-finijiet tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, li l-Qorti jidhrilha li kien hemm difett serju fil-kunsens tal-attur, u f'dan is-sens taqbel ma dak li rrelatat dwar l-istess l-brava perit legali. Minhabba l-problemi familjari li kellu, l-attur fittex, u fil-fatt sab, wens fil-familja

tal-konvenuta. Jidher li l-familja tal-konvenuta mill-ewwel laqaghtu f'darha u wara biss ftit taz-zmien huwa sar qisu membru ta' din il-familja. Omm il-konvenuta tammetti li l-attur kien qisu binha u tghid ukoll li l-kontendenti kienu qishom ahwa fil-konfronti ta' xulxin, u li l-attur qatt ma kien juri sinjali ta' affezzjoni jew imhabba lejn bintha. Dan il-fatt huwa korroborat kemm mill-attur, kif ukoll mill-konvenuta.

Illi din il-Qorti ghalhekk hija tal-opinjoni, li abbazi ta' dawn il-provi u l-konsiderazzjonijiet fuq esposti li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens ghaz-zwieg l-attur kien qed jizzewweg lill-familja tal-konvenuta u mhux lill-istess konvenuta fis-sens li huwa ta l-kunsens tieghu ghaz-zwieg mhux ghaliex fehem, jew inkella ghaliex ried jassumi d-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg, izda ghalex ried ikompli jifforma parti min-nukleju familjari tal-attrici.

Illi fil-fatt huwa jghid hekk: *"Nghid li l-ambjent familjari tal-konvenuta tant kien joghgobni u tant kont inhoss ruhi komdu fih, li ma xtaqtx nitlef il-hajja tieghi f'dak l-ambjent, u dan akkost ta kollox".* Mill-provi jirrizulta kjarament li, almenu min-naha tal-attur, ma kienx hemm dik ir-rabta u affezzjoni li wiehed jistenna minn koppja li ser tizzewweg. Il-fatt li mmedjatament wara z-zwieg, u cjoe' precizament fil-mument li l-kontendenti bdew jghixu wehidhom u ghalhekk separatament mill-familja tal-konvenuta, bdew il-problemi, il-fatt li kif tispjega l-konvenuta, l-attur kien ihoss b'mod esagerat il-mankanza tal-familja taghha, u l-fatt li wara z-zwieg huwa ried ikompli jghix il-hajja ta' guvni minghajr ma jassumi certu responsabbiltajiet, jindikaw li fil-mument tal-ghoti kunsens huwa ma fehemx li kien qed jizzewweg lill-konvenuta sabiex jibni familja u jifforma nukleju familjari bir-responsabbiltajiet kollha annessi, izda haseb li biz-zwieg huwa kien ser jestendi s-sens ta' *benessere* li sab fil-familja tal-konvenuta.

Illi wkoll l-partijiet it-tnejn ikkonfermaw li r-relazzjonijiet sesswali taghhom, kemm qabel iz-zwieg, kif aktar importanti wara, kienu kwazi inezistenti, u dan *nonostante* l-fatt li qabel iz-zwieg huma kienu jorqdu flimkien fl-istess kamra. Illi l-perit legali hasset li ghandha tghid li m'huwiex normali li guvni ta' tmintax/dsatax-il sena

ma jurix interess simili lejn il-mahbuba tieghu b’dan il-mod, specjalment meta wiehed jikkunsidra li f’dan il-kaz l-attur kellu hafna aktar opportunita’ li jkollu relazzjonijiet intimi mal-konvenuta ghaliex kienu jghixu u jorqdu flimkien, anke fl-gherusija.

Illi din il-Qorti thoss li hawn il-perit legali spjegat ruhha hazin u certament mhux b’mod tajjeb u prudenti, u ghalhekk apparti l-fatt li dan fih innifsu mhux konsiljat, l-opinjoni u l-preokkupazzjoni ta’ din il-Qorti dwar dan il-kaz hija li l-emozzjoni li l-attur hass u l-gibda u sentimenti li kien hemm *da parte* tieghu kienu diretti biss u esklussivament lejn il-genituri tal-konvenuta u qatt lejn il-konvenuta.

Illi dan jaghmel l-agir tal-attur xempju ta’ mmaturita’ u dan kkawzat mic-cirkostanzi li sfortunatament ghex fihom mal-familjari tieghu, li hallew l-effett taghhom negattivament fuq hajtu u fuq l-izvilupp tieghu bil-konsegwenzi odjerni, li jidher li l-attur ghamel minn kollox sabiex jahrab minn tali sitwazzjoni, anke akkost li jintrabat fiz-zwieg ma’ persuna li certament mill-provi prodotti kemm minnu u kemm mill-konvenuta ma kellux sentimenti ta’ mhabba lejha.

Illi din il-Qorti zzid tghid li sfortunatament tali glied u pika bejn il-mizzewgin, mhux haga izolata ghal dan il-kaz, izda hija haga rikorrenti fi proceduri specjalment ta’ separazzjoni, fejn il-partijiet fil-kawza jaghmlu kwazi minn kollox sabiex jweggghu u jivvessaw lill-parti l-ohra, u hafna aktar serju jdahhlu l-ulied fin-nofs fil-problemi taghhom, u dan qed jikkawza hafna hsara lill-istess ulied hekk mixhutin fin-nofs bejn missierhom u ommhom, u certament li hemm bzonn mezzi adatti, kemm permezz ta’ ligi sostantiva, kif ukoll proceduralment fil-Qorti sabiex din il-problema tigi ndirizzata sew, inkluz permezz ta’ mezzi kumplimentarji, li jkunu disponibbli ghas-servizz mill-Qorti f’tali kawzi, bhal Agenzija Appogg, u agenziji simili.

Illi dan l-izvilupp ghandu jkollu post ghan-nomina ta’ persuni li jirrapprezentaw lill-istess minuri, kemm legalment u kemm bhala kuraturi jew *social guardians* tal-istess, b’dan li l-interess tal-minuri hekk rapprezentant w

*ut sic* jkollu rikonoxximent legizlattiv bil-holqien ta' tali ufficji u rapprezentanti mill-ligi stess, sabiex l-istess minuri jkollu l-lehen tieghu f'tali proceduri, u jkollu l-mezzi legali sabiex ikun jista' ndipendentement mill-genituri tieghu, jagixxi kemm fl-interessi tieghu u wkoll kontra kull hsara li tista' tkun qed issir fil-konfront tieghu jew taghha.

Illi fil-kaz odjern dan kollu premess jindika li l-attur kien jara lill-konvenuta biss bhala l-mezz li huwa jsir membru permanenti tal-familja taghha, kien jikkunsidraha bhala ohtu u mhux bhala n-namrata tieghu jew inkella l-futura mara tieghu. Meta l-attur izzewweg u beda jghix wahdu mal-konvenuta, huwa beda jirrealizza li kellu jassumi certu obbligi u responsabbiltajiet li fil-fatt huwa ma kellu ebda ntenzjoni jassumi, almenu fil-konfronti tal-konvenuta, u kien ghalhekk li bdew il-problemi fiz-zwieg. L-attur ma kellux il-maturita' psikologika sabiex jassumi l-obbligi u d-dmirijiet naxxenti miz-zwieg, u fil-fatt huwa ried ikompli jghix il-hajja libera li kellu qabel iz-zwieg. Hawnhekk din l-Qorti taqbel mal-Perit Legali li dan kollu jindika mankanza ta' liberta' fl-attur li jiddeciedi fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali, u din il-mankanza kienet fi grad tali li r-rabta taz-zwieg ghandha tigi dikjarata nulla minhabba difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju da parti tal-istess attur.

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti ma ngabux provi sufficjenti sabiex iz-zwieg celebrat bejn il-kontendenti jigi dikjarat null u bla effett *ai termini* tas-**sub-incizi (c) u (f) tal-Artikolu 19 (1) tal-Kap. 255** kif talab l-attur.

Illi ghal dawn il-motivi din Qorti taqbel mal-Perit Legali li z-zwieg celebrat bejn il-partijiet fl-20 ta' Settembru 1987 ghandu jigi dikjarat null u bla effett minhabba li l-kunsens tal-attur kien vizzjat *ai termini* tas-**sub-inciz (d) tal-artikolu 19 (1) tal-Kap. 255**.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenuta, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara z-zwieg celebrat bejn il-partijiet nhar l-20 ta' Settembru 1987, huwa null u bla effett fil-Ligi, u dan skond id-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255** ghar-ragunijiet imputabbli lill-attur.

Bl-ispejjez kontra l-istess attur.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------